- *Ġudikat – preklużjoni*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 9 ta' Ġunju 2022**

**Fl-atti tar-Rikors Maħluf Nru. 228/18 GM**

**fl-ismijiet:**

**Olive Gardens Investments Limited**

**vs**

**Salvatore Farrugia u martu Emanuela Farrugia;**

**Joseph Farrugia u martu Maria Dolores sive Doris Farrugia;**

**Annetto Farrugia u martu Eldred Maria Farrugia;**

**Carmen Farrugia;**

**Carmelo Farrugia u martu Lucia Farrugia;**

**Francis Farrugia u martu Consolata Farrugia;**

**Catherine armla minn John Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat li s-soċjeta` attriċi ("Olive") qiegħda titlobha, permezz tar-rikors tat-2 ta' Marzu 2022, sabiex:

1. Tiddikjara li kull prova, b'xhieda jew dokumenti, li l-oġġġett tagħha huwa li timpunja, timmina jew tqajjem diskussjoni fuq dak deċiż fil-kawża *Olive Gardens Investments Limited v Salvu Farrugia et.* (Nru. 418/2005) hija inammissibbli u/jew irrelevanti.

2. Tordna l-isfilz tad-dokumenti kollha esibiti mill-konvenut Annetto Farrugia fl-udjenzi tal-25.01.2022 u 08.03.2022 kif ukoll ix-xhieda ta' Victor Vella.

3. Teskludi u tipprekludi lill-konvenuti kollha milli jressqu xi prova kif imsemmi fl-ewwel talba.

Ir-retroxena li wasslet għal dawn it-talbiet hija din:

Qam litiġju bejn Olive u Salvu, Annetto, John, Francis, Joseph, Carmen u Carmelo aħwa Farrugia ("L-Aħwa Farrugia") dwar it-titlu ta' proprjeta` ta' porzjon art fiż-Żurrieq imsejħa *Tad-Dokkara.* Din il-Qorti, diversament ippreseduta, b'sentenza tat-30.06.2010, ċaħdet l-ewwel talba ta' Olive biex l-art tiġi ddikjarata proprjeta` tagħha u mhux tal-konvenuti, li għandhom biss titlu ta' qbiela. Il-Qorti tal-Appell, b'sentenza tal-31.10.2014, ħassret is-sentenza msemmija u minflok *inter alia* laqgħet l-ewwel talba tas-socjeta` attrici limitatament fis-sens li minflok ma tiddikjara li l-porzjon diviza ta' art li xtrat Olive permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Novembru 2003 ippubblikat min-Nutar Mario Bugeja (Dok X) hija dik indikata bl-ahdar fuq is-site plan (Dok B) u l-pjanta (Dok A) annessi mal-istess kuntratt, iddikjarat invece li huwa l-porzjon diviz ta' art kif indikata bl-ahmar fuq is-site plan a fol. 165 (li huwa wkoll il-porzjon

indikat "RED" fuq il-pjanta Dok Appell 17 a fol. 149 ħlief dik il-parti *shaded* bil-blu) li tappartjeni lil Olive permezz ta' dan il-kuntratt, u li l-konvenuti ghandhom biss titolu ta' qbiela fuqha.

L-aħwa Farrugia fetħu proċeduri ta' ritrattazzjoni mill-imsemmija sentenza tal-31.10.2014. Il-Qorti tal-Appell, diversament komposta, ċaħditilhom it-talba b'sentenza tat-28.06.2016.

Minkejja dawn il-pronunzjamenti ġudizzjarji, l-aħwa Farrugia baqgħu isostnu li l-art kienet tagħhom. Saret tranżazzjoni permezz ta' kuntratt tat-23.05.2017 li permezz tiegħu l-aħwa Farrugia (flimkien man-nisa tagħhom) obbligaw ruħhom li jaċċettaw il-pronunzjamenti msemmija u li ma jattakkawhom bl-ebda tip ta' kawża.

Fit-18.07.2017, Annetto, wieħed mill-aħwa Farrugia, fetaħ kawża kostituzzjonali fl-ismijiet *Annetto Farrugia v Avukat Generali* (Rik. 65/2017 AF) biex jattakka s-sentenza tal-31.10.14. Din il-kawża għadha pendenti quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta.

Olive dehrilha li l-kawża li fetaħ Annetto kienet bi ksur tal-ftehim tat-23.05.2017, u għalhekk fid-09.03.2018 fetħet din il-kawża li permezz tagħha qiegħdha tfittex lill-aħwa Farrugia u n-nisa tagħhom għad-danni.

Annetto Farrugia eċċepixxa fost l-oħrajn li l-kuntratt ta' tranżazzjoni huwa invalida għaliex frott ta' koerzjoni fuqu u fuq ħutu. Ressaq ukoll kontro-talba biex jattakka l-istess kuntratt.

Olive għalqet il-provi tagħha fis-seduta tal-24.06.2021 (fol 1005). Fis-seduta tal-25.01.2022 l-konvenuti bdew iressqu l-provi tagħhom, billi esebew nota bi tliet dokumenti u pproduċew lil Jane Mercieca biex tixhed viva voce. Fil-verbal ta' dik is-seduta hemm imniżżel hekk:

> "Dr. Simiana għall-attriċi qiegħed joġġezzjona illi l-konvenuti jressqu l-provi jew jagħmlu d-domandi lil kwalsiasi xhud dwar fatti pertinenti għat-titlu tal-art, li hija l-mertu tal-kuntratt ta' tranżazzjoni mertu tal-kawża, billi dak it-titolu jikkostitwixxi mertu ta' proċeduri li llum għaddew in ġudikat, u għalhekk tali provi huma mhux biss irrilevanti imma inammissibbli".

Il-Qorti rriżervat li tipprovdi fi stadju ulterjuri.

Il-konvenuti komplew iressqu l-provi tagħhom fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2022.

Fit-02.03.2022 Olive ppreżentat ir-rikors odjern li permezz tiegħu elaborat ir-raġunijiet li semmiet fil-verbal tas-seduta tal-25.01.2022. Il-konvenut Annetto Farrugia wieġeb permezz ta' risposta ddettaljata ppreżentata fl-10 ta' Mejju 2022. Fil-qosor, din tgħid li:

1. Olive trid tkompli tagħmel sarima ma' ħalq il-konvenuti u tagħmilha tal-*bully*. Il-kawża 418/15 għandha dellijiet suwed tant li wara l-pronunzjament tas-sentenza l-Bank of Valletta plc irrifjuta li jagħti self li akkwirenti prospettivi tal-art in kwistjoni.

2. Mhux minnu li l-ġudikat ma jistax jiġi attakkat kemm-il darba jinġiebu provi li juri li fil-kawża li ntemmet f'ġudikat tressqu provi foloz.

3. Olive m'oġġezzjonatx tempestivament.

4. Il-Qorti għandha tfittex il-verita`; għandha taċċedi fuq il-post ħalli tara b'għajnejha, mhux tirrepeti l-iżball tal-Qorti tal-Appell li sfat imqarrqa mill-attriċi.

Din il-Qorti ma tistax taċċetta l-oġġezzjonijiet ta' Annetto Farrugia.

Fl-ewwel lok, kif ġja` muri, Olive oġġezzjonat mill-ewwel għall-produzzjoni tal-provi in kwistjoni.

Fit-tieni lok, il-ġudikat jista' jiġi attakkat biss bil-mezzi li tagħti l-liġi. Prinċipalment permezz ta' ritrattazzjoni - rimedju li Annetto Farrugia diġa` uża mingħajr success. Huwa minnu li l-ġudikat jista' jiġi attakkat jekk is-sentenza tkun ġiet deċiża fuq provi li, b'sentenza mogħtija wara, jiġu ddikjarati foloz (Art. 811(j) Kap 12); iżda f'din il-kawża m'hemmx talba bħal din. Il-kontro-talba tal-konvenut Annetto Farrugia hi limitata

għad-dikjarazzjoni tan-nullita` tat-tranżazzjoni minħabba koerzjoni u theddid (fol 45). Dan apparti li għall-fini ta' dan il-motiv ta' ritrattazzjoni, ma tikkostitwixxix prova falza l-eżistenza ta' provi oħrajn fil-pussess tar-ritrattant li jistgħu jikkontradixxu dawk il-provi li fuqhom tkun ibbażata s-sentenza attakkata, jekk dawn setgħu jinġiebu f'dik il-kawża stess; altrimenti jkun wisq faċli li kull sentenza tiġi attakkata.[1] Barra minn hekk l-inkorrettezzi u l-ineżattezzi fid-dokumenti mhumiex motiv għar-ritrattazzjoni.[2]

Fit-tielet lok, diġa` saret kawża għar-ritrattazzjoni, sia pure fuq motivi differenti, fosthom dwar żbalji ta' fatti. *Selecta una via non datur recursus ad alteram.* Speċjalment fi proċeduri speċjali u eċċezzjonali bħar-ritrattazzjoni.

Fir-raba' lok, issa għadda l-perjodu perentorju ta' ħames snin (Art. 818(2) Kap 12) mis-sentenza tat-2016 u għalhekk ma tistax tintalab ritrattazzjoni, anke jekk ikun hemm sentenza skont Art. 811(j).

Il-Qorti taqbel ma' Olive li għall-provi prodotti mill-konvenut mhumiex produċibbli minħabba li hemm l-ostaklu tal-ġudikat:

> "il-konvenut ma jistax illum, li għandu l-ostakolu tal-ġudikat, jerġa' jiftaħ it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni, sija pure minflok in linja ta' azzjoni bħala attur, in linja ta' eċċezzjoni bħala konvenut; għaliex **il-pożizzjoni invertita ta' attur u konvenut ma taffettwax il-forza tal-ġudikat"** (Prim'Awla Pace v Balzan 17.01.1898)

Kif osserva l-Imħallef Dr. Cremona sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża Micallef utrinque, 21.03.1923 konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-23.11.1923:

> "risultando tutti gli elementi necessari alla validita` dell'eccezione del *non bis in idem* da una sentenza citata in causa da uno dei contendenti, **la Corte e` in**

[1] Pullicino v Grima 12.10.1931 Qorti tal-Appell XXVIII.658.
[2] Mifsud v Azzopardi 10.06.1949 Prim'Awla XXXII.ii.401.

**obbligo di sollevare ex officio quell'eccezione** benche` non sollevata esplicitamente da alcuno dei contendenti. U qalet tajjeb il-Cassazione ta' Ruma in re Riccardi v Firenze 21.04.1893 (Coen, Voce Cosa Giudicata, Materia Civile, para 317) illi "l'effetto precipuo della cosa giudicata e` di vietare ogni esame su cio` che ne formo` il subietto; **ed una volta ammessa l'esistenza del giudicato su di un dato punto di questione, e` assolutamente proibito al magistrato di prendere ad esame le deduzioni dirette a rimettere in quistione cio` che con esso e` stato deciso."**

Anki **apparti l-ġudikat veru u proprju**, bħala li jagħti lok għall-eċċezzjoni tan-non bis in idem, **il-ġudikat huwa dejjem valevoli biex tiġi definita kwistjoni fondata fuq l-istess** *ratio petendi* – kif inhi din (ara sentenza Appell Camilleri v Frendo 05.02.1934 Kollez. XXVIII.i.519).

Kif jgħid in-Novissimo Digesto Italiano, v. REGIUDICATA fol 216. Et seq.:

"La res iudicata opera, anzitutto, una preclusione correlativa a quella propria della litis contestatio: preclusione della potestas agendi, volta ad esludere che la ragione di cui si e' deciso, possa essere riproposta a giudizio e formare oggetto di una nuova decisione".

Ingħad ukoll fid-dottrina Taljana li:

"L'autorita`di cosa giudicata consiste nella incontestabilita`dell'accertamento: nessun giudice puo`, in successivi giudizi, accogliere domande dirette in qualsiasi modo a togliere o a diminuire ad altri un bene della vita conseguito in virtu`di un precedente atto di tutela giuridica alla stessa persona; il regolamento fissato dalla sentenza non puo` essere posto in discussione in via diretta, ossia chiedendo una decisione uguale a quella negata dalla prima pronuncia, ne in via indiretta, ossia avvanzando un *petitum* che rappresenti l'esatto contrario della precedente statuizione".[3]

Fl-aħħarnett ingħad ukoll mill-imħallef Caruana Curran li:

"Ġudikati preċedenti u l-konstatazzjoni tal-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet għandhom jiġu meħudin bħala deċiżivi għax għall-partijiet jagħmlu stat definittiv" – **Anni Cuschieri et vs Paolo Vella noe – 30.06.1965 P.A. XLIX.ii.1001.**

[3] Sergio Menchini, Il Giudicato Civile, 2a edizione 2002, pagna 53.

Iċ-ċirkostanza li l-konvenut qiegħed jattakka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell permezz ta' kawża kostituzzjonali ma jaffettwax il-ġudikat sakemm ma jkunx hemm pronunzjament deċiżiv mill-Qorti in sede kostituzzjonali. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' din il-kawża il-verita` jew il-falsita` ta' provi mressqa quddiem il-Qorti tal-Appell hija irrilevanti għall-fini ta' din il-kawża, li hija arġinata unikament fuq vizzju tal-kunsens fil-kuntratt ta' tranżazzjoni minħabba theddid u estorsjoni.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors.

Moqri bil-miftuħ waqt l-udjenza tal-lum.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA